MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2007

Numru 746/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

Vs.

Christopher Mallia
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 202277(M) akkuzat talli;

1. f'dawn il-gzejjer, fit-8 ta' Gunju 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ tletin lira Maltin (Lm30) ghad-dannu ta’ Alexandra Michellman ta’ nazzjonalita’ Germaniza u qliegh ta’ tletin lira Maltin (Lm30) ghad-dannu ta’ Benjamin Briffa minn San Gwann;

2. f’dawn il-Gzejjer, fit-30 ta’ Mejju 2007, bil-hsieb li jaghmlu qligh b’qerq ta’ tletin lira Maltin (Lm30) ghad-dannu ta’ Madeline Collins mill-Wardija, wera dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioè uza mezzi kontra l-ligi, jew ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew inqeda b’qerq iehor, ingann jew wera haga b’ohra sabiex igieghel li titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

3. f’dawn il-Gzejjer, fl-14 ta’ Gunju 2007 jew f’xi perjodu qabel, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-14 ta’ Gunju 2007, xjentament ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falz;

-omissis-

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni huwa nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Din is-sentenza tirreferi biss ghall-imputat Christopher Mallia li l-proceduri kontra tieghu issoktaw wara t-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju.

L-akkuzat ammetta volontarjament u inkondizjonament l-akkuzi.

Rat l-Artikolu 41, 308, 188, 189, 18 u 17 tal-Kap 9.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------